DEĊIŻJONI (UE) 2022/811 TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

tal-24 ta' Marzu 2022

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit u dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("SRB") għas-sena finanzjarja 2020 (SRB/PS/2022/03)

(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)

IL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 50(1)(b) u 63(8) tar-Regolament SRM,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 97, 98 u 99 tar-Regolament Finanzjarju SRB tas-17 ta' Jannar 2020,

Wara li kkunsidra l-Kontijiet Annwali Finali tal-SRB għas-sena finanzjarja 2020 kif adottati fit-30 ta' Ġunju 2021 (il-"Kontijiet Annwali Finali tal-2020"),

Wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-SRB għas-sena finanzjarja 2020 kif adottat fis-7 ta' Mejju 2021 (ir-"Rapport Annwali tal-2020"),

Wara li kkunsidra r-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) għas-sena finanzjarja 2020, flimkien mat-tweġibiet tal-SRB (ir-"Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri tal-2020"),

Wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Kontijiet Annwali Finali tal-2020 inklużi l-opinjonijiet tal-awditjar datati s-16 ta' Ġunju 2021 ippreparati minn Mazars Réviseurs d'Enterprises (ir-"Rapport ta' Mazars tal-Awditjar tal-2020"),

Wara li kkunsidra r-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (skont l-Artikolu 92(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014) dwar kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tinħoloq bħala riżultat tal-prestazzjoni mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, il-Kunsill jew il-Kummissjoni tal-kompiti tagħhom skont ir-Regolament SRM għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"Rapport dwar l-Obbligazzjonijiet Kontinġenti tal-Qorti tal-Awdituri tal-2020"),

Wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Awditjar Intern tal-2020 datat l-14 ta' Diċembru 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

1. Jagħti l-kwittanza lill-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-SRB għas-sena finanzjarja 2020;

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-SRB għas-sena finanzjarja 2020;

3. Jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fil-mozzjoni t'hawn taħt;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni biex jinnotifika din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L), u fuq is-sit web tal-SRB.

([1]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tagħha.

Għall-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni,
Birgit RODOLPHE
Membru tal-Plenarja